**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 700/2022**
**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**vs**
**AB**

**Illum, 29 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

AB, ta' 38 sena

Billi hu akkużat talli nhar il-27 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-18:00hrs u l-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Mosta u f'dawn dawn il- gżejjer:

1. Ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-konviventi tieghek CD skond kif iccertifikat minn Dr. Malcolm Falzon MD (Med Reg No. 4259) minn Mosta Health Centre u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 221 (1) u 222 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil CD jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-

setgħa lill-privat li arresta lill-ħati, arrestajt, żammejt jew issekkwestrajt lil konviventi tieghek CD kontra l-volonta' tagħha, jew tajt l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata u dan bi ksur tal-Artikoli 86, 87(1)(c)(h), 202(h)(i) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil CD jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339 1(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' CD billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni illi f'kaz ta' htija, jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` Artikoli 214, 215, 221 (1), 222 (1) (a), 339 (e), 86, 87 (1) (c) (h), 202 (h) (i), 339 1(d), 412C, 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta datata 29 ta' Novembru 2022 u cioe' fl-ewwel opportunita' moghtija lilu, u l-istess imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata z-zmien opportun biex jekk irid imur lura minn dik l-ammissjoni tieghu.

**Ikkusidrat**

Illi stante l-ammissjoni cara u inekwivoka ta' l-imputat il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin biex tisma' l-provi, u wara li rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet ma' l-ewwel opportunita' moghtija lilu, tqis li ma jkunx idoneju li l-imputat jinghata sentenza ta' habs effettiv.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 339(e), 86, 87(1)(c)(h), 202(h)(i), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni cara u inekwivoka ssib lill-imputat AB hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta timponi Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum u tordna li kopja ta' din is-sentenza u

Ordni ta' Probation tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation Services u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati AB l-portata ta' din is-sentenza.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Brittany-Ann Vella**
**Deputat Registratur**